# Il-Presepju

Ħarġa Nru. 94
Ottubru - Diċembru 2017



Fuljett maħruġ mill-
GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - MALTA
c/o 56, Amaltea, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 - Malta

Newspaper Post

Fuljett
maħrug kull tliet xhur mill-
Għaqda Ħbieb tal-Presepju
Malta.

VO/0844

*Kull korrispondenza
għandha tiġi ndirizzata lis-
Segretarju,
Charles A. Bellia
56, Amaltea, Triq il-Marġ,
Attard ATD2382. Malta*

*IL-PRESEPJU
Jitqassam lill-Membri
tal-Għaqda u għalhekk biex tir-
ċevih ħallas il-miżata
tiegħek regolarment billi
tibgħat €5 lill-Kaxxier.
Kontribuzzjonijiet oħra
biex jinfdew l-ispejjeż
ikunu ferm apprezzati.*

*L-GĦAQDA
ĦBIEB TAL-PRESEPJU
Malta tirringrazzja lil kull min
kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.*

Apprezzament speċjali
jmur għas-
Sinjura Jessie Chircop
li ħadet ħsieb il-'proof reading'.

# Werrej

**Stampat**
BONNICI'S PRESS Est. 1924
36, St. Paul Street, Valletta
Tel: 21224607 - 21228138
E-mail: emibonnici@gmail.com

# L-Editorjal

**X**'inhu l-Editorjal? Hija dik il-kitba li titkellem ċar dwar dak li jkun qed jinħass fi grupp ta' nies li jintlaqtu minn xi deċiżjoni nieqsa mill-popolarita!

**I**l-kitba ta' Editorjal tiġi kkundizzjonata mill-moral li jkollu l-kittieb meta jaqbad il-pinna biex ipoġġi ħsibijietu fuq il-karta. Huwa fatt ukoll l-kittieb huwa uman u l-moral tiegħu jitla u jinżel mal-andament tal-ħajja. Jekk il-moral ikun baxx minħabba xi ħaġa li tkun ġrat u ħalliet tagħma morra, il-pinna tibda tikkmanda hi u aktarx li ttajjar xi ftit linka fuq min forsi jkun daħal fl-istorja intortament jew bħala parti minn dmirijietu.

**H**ekk ġara fl-aħħar ħarġa tal-fuljett tagħna. Wieħed jista jirraġuna li l-Kunsill messu qara l-fuljett qabel kien stampat. Bla tlaqliq ngħid li bħal issa moħħ il-Kunsill huwa totalment okkupat bil-problema li sab ruħu fiha mat-tluq mis-Sala San Franġisk! Il-kittieb ta' dak l-editorjal, bħal membri l-oħra kollha, ħassu diżappuntat b'dak li ġralna, anke jekk il-messaġġ seta ma twassalx daqshekk dirett.

**I**rridu niftakru li għal 30 sena sħaħ, il-Patrijiet Franġiskani ta' Putirjal ippermettewlna nużaw il-kripta tal-knisja tagħhom anke jekk, biex għamilna dan kellna nidħlu f'ammont ta' spejjeż u xogħol biex nagħmlu dan il-post xi ftit aktar użabbli milli kien. Gawdejna l-post sforz il-biża, li seta jkollna xi inċident serju hemm ġew. Id-deċiżjoni biex nevakwaw il-post kien ilna nistennewha, konna ilna naraw il-ħsara strutturali tikber. Għal xi raġuni jew oħra qatt ma ttieħdet azzjoni bis-serjeta biex titwaqqaf din il-ħsara.

**K**ellu jasal il-Gwardjan attwali, biex finalment jittieħdu passi. Kellu jkun hu l-isfortunat li b'sens ta' dover jinfurmana li kien wasal iż-żmien li aħna nabbandunaw is-Sala San Franġisk biex ikun jista jitneħħa l-periklu li kien hemm. Ovvjament ma ħadniex gost sa barra; imma meta ġejna nfurmati biex il-post 'ninsewh' u nfittxu x'imkien ieħor id-diżappunt kien wieħed kbir!

**M**inkejja dan il-pinna setgħet ma tħallietx tagħmel dak li trid. Sadanittant il-messaġġ wasal u naħsbu li ħoloq xi weġgħat fuq min kien responsabbli u aġixxa b'sens ta' dover. Għalhekk il-Kunsill jiskuza ruħu għal dak li ġara.

**N**awguraw li meta s-Sala San Frangisk terġa' tieħu saħħitha, terġa tibda tintuża biex minnha joħroġ ġid simili għal dak li ħloqna aħna matul it-30 sena li għaddew b'tant sagrifiċċji.

**Il-Kunsill**

# Il-Kelma tal-President



Ħbieb,

Wasal l-isbaħ żmien tas-sena għalina d-dilettanti tal-presepju. Ħafna minna, jkunu probabbli diġa lestew il-presepju għal din is-sena u oħrajn, bħali, jkunu qegħdin jagħmlu l-aħħar irtokki. Dan għaliex iżjed ma nħares lejh iżjed insib fejn nista' nirranġalu jew insebbħu b'xi siġra 'l hawn jew ftit ħaxix 'l hemm. Insomma dak hu l-gost tagħna.

Bħalissa qegħdin nippreparaw għall-Wirja Annwali li hi l-qofol tal-ħidma tagħna matul is-sena. Din is-sena kellna nsibu post ieħor biex intellgħu l-wirja, għax, bħal ma tafu, kellna noħorġu mis-sala San Frangisk biex ikunu jistgħu jsiru xi tiswijiet srutturali tal-post. Ma kienx faċli nsibu post ieħor adattat, imma bil-kuntatti li kellu s-Segretarju rnexxielna ndaħħlu rasna f'post prominenti fil-belt Valletta. Sibna għajnuna biex il-Wirja neħduha fi Pjazza Teatru Rjal, m' għandniex xi ngħidu, post sabiħ u ċentrali fil-belt. Il-post jixraqlu l-aħjar u għalhekk din is-sena beħsiebna nagħmlu l-almu tagħna kollu biex il-wirja tkun ta' livell aktar għoli mis-soltu. Inħeġġukom tagħtu sehemkom intom ukoll billi tmexxu l-kelma u tgħidu lil ħbiebkom u qrabatkom biex iżuru l-wirja tagħna.

Nieħu din l-opportunita' biex f'ismi u f'isem il-Kunsill nawguraw lilkom u lill-familji tagħkom l-isbaħ xewqat għal Milied Hieni u Sena Ġdida mimlija risq u barka.

Grazzi.

Andrew Spiteri

# *L-Għanja: “Il-benniena ta’ Ġesù Bambin”*

*Joseph C Camilleri BA, DEAM, M.Ed (Pl & Mgt)*



Kull meta jersaq il-Milied, inħobb niftaħ ir-radju għal xi programm dwar il-Milied. Naf kemm naf, inħossni ma naf xejn. Dejjem hemm xi ħaġa li ma nafhiex. F’xi programm ġieli tisma’ “Il-benniena ta’ Ġesù Bambin” jew aħjar kif nafuha aktar aħna l-Maltin “Ninni la tibkix iżjed”, l-ewwel vers ta’ din l-għanja.

Ħafna tifkiriet jiġu f’moħħi meta nismagħha. L-ewwel tifkiriet imorru għal żmien tfuliti, ommi u missieri jippreparaw għall-festi tal-Milied. Kollox kien isir fl-aħħar jum, f’lejlet il-Milied – il-presepju, is-siġra tal-Milied, il-kejk, il-karti mdendlin fil-kamra tal-ikel. Fl-aħħar tal-jum, wara banju sħun, libsin biex noħorġu, puliti qisna mudelli, kont tisma’ fil-bogħod din l-għanja ħierġa minn fomm it-tfal. Din l-għanja kienet tfisser li l-purċissjoni tal-Bambin kienet riesqa lejna. Missieri kien jiġri ‘l fuq u jixgħel il-bozoz tal-gallarija. Konna noħorġu fuq l-għatba tad-dar nistennew il-purċissjoni. Jien kont ningħaqad mat-tfal tal-mużew u nakkumpanja lil Ġesù Bambin sal-knisja parrokkjali. Ommi u missieri kienu jlestu xi ħaġa tal-ikel u meta niġi mill-knisja, wara l-ikla, konna mmorru mixja sakemm isir il-ħin għall-quddiesa ta’ nofs il-lejl.

Meta nisma’ din l-għanja niftakar f’uliedi żgħar. Kellna d-drawwa li f’lejlet il-Milied konna noħorġu għall-quddiesa li kien jagħmel Dun Anton Ebejer fil-kappella tal-Madonna tal-Mirakli f’Ħal Lija. Qabel il-quddiesa, li kienet issir għall-ħabta tat-tmienja, kienet issir mixja madwar il-kappella, fejn kulħadd ikanta din l-għanja. Wara kienet tibda l-priedka tat-tfajjel u qabel il-quddiesa ikantaw xi għanjiet flimkien. L-aktar waħda li tinstema’ sewwa ħierġa mill-qalb kienet tkun “Il-benniena ta’ Ġesù Bambin”. Wara konna nispiċċaw mill-quddies, konna nieħdu xi ħaġa ħafifa bħala kommunita nisranija. Dun Anton kien dak li ħoloq

is-sensiela tal-presepji ħajjin f'Ħal Lija fis-snin sittinijiet tas-seklu għoxrin. Kien bniedem li kien iħobb il-Milied. Jien kont inħobb nisma' l-quddies tiegħu imma l-quddiesa ta' lejlet il-Milied kienet ħaġa speċjali. L-imħabba tiegħu lejn Ġesù Tarbija kienet toħroġ kollha kemm hi. Il-kliem ma kinux joħorġu minn moħħu iżda minn qalbu.

Din l-għanja tfakkarni fi żmien meta kont naħdem bħala kap ta' skola. Kelli l-vizzju, jekk tista' tgħid li hu vizzju, li fl-aħħar tal-kunċert tal-Milied, il-ġenituri u t-tfal flimkien mall-għalliema jkantaw xi strofa minn din l-għanja. Kulħadd kien ikanta, anke l-purtinara. Kont tara l-uċuħ jixegħlu bil-ferħ meta tisma' l-kant ta' din l-għanja u fl-aħħar kont tisma' ċ-ċapċip. Ċapċip li kien ħaqqu sew għall-għalliema li kienu jippreparaw lit-tfal u sew it-tfal, li kellhom jitgħallmu xi strofa jew parti minn dramm li kienu joħolqu jew jagħżlu l-għalliema.

Illum pensjonat. Nisma' din l-għanja u ngħid grazzi lil Alla għal tant imħabba u ferħ li tani għal-żmien il-Milied. Ferħ li ġab il-Mulej bit-twelid Tiegħu, s-salvazzjoni tagħna.

# *Il-Miżata*

Iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar l-ispejjeż tal-Għaqda qed jiżdiedu. Fejn qabel il-posta għall-fuljett kienet madwar Đ21, illum żdiedet għal erba' darbiet iżjed. Iċ-ċirkostanzi, li ma għandniex kontroll fuqhom komplew għabbewna bil-piż. Kellna nikru garaxx biex inpoġġu l-armar tal-wirja fih. Probabbli li il-futur ser ikun ifisser spejjeż oħra.

Għaqdiet voluntarji oħra ppruvaw isolvu problemi simili għal tagħna billi żiedu, jekk mhux irdoppjaw il-ħlas tal-miżata għal membri tagħhom. Ħadu l-iqsar triq, imma fejn waslu?

Il-ħsieb tagħna għadu mhux li nżidu il-miżata, imma li nikkonvinċu u nħeġġu lill-membri numerużi tagħna tagħna biex kmieni matul is-sena jħallsu dak li hu mistenni minnhom: € 5. Mhix xi ħaġa kbira, imma nemmnu fil-ftit mill-ħafna. Ikbar ma jkun in-numru ta' membri li jħallsu l-miżata, iktar il-piż jeħfief biex l-Għaqda tkompli miexja l-quddiem.

**Għalhekk inħeġġek biex iżżur il-Wirja ta' din is-sena fi PJAZZA TEATRU RJAL u kif tkun hemm tħallas il-miżata tiegħek.**

Grazzi.

# *Il-Presepju ta' Federico Brandini (1520 - 1575) fil-Belt ta' Urbino, l-Italia*

*Minn Jacqueline Chircop*



Federico Brandani kien student ta' Giovanni Maria Mariani ta' Casteldurante, li taħt il-gwida tiegħu mill-1538 sal-1541 studja u fforma ruħu fl-arti tal-landa – ħġieġ jleqq.

L-okkażjoni taż-żwieġ bejn Guidobaldo II della Rovere u Vittoria Farnese, fl-1548, Brandani ħadem flimkien ma' artisti oħrajn, fosthom Ludovico Carracci biex isebbaħ u jagħmel il-Palazz Ducale di Pesaro aktar sinjur.

Bejn l-1551 –1553 ġie kkummissjonat mill-Papa Giulio III biex jaħdem fil-funtana ta' Villa Giulia ġewwa Ruma. Sal-1560 baqa' jaħdem

fil-Palazz Ducale ta' Urbino f'serje ta' dekorazzjonijiet fl-istokk. Fost dawn l-opri li ġew konservati, għadek tista' tammira l-kuppletta tal-kappella kif ukoll is-saqaf tas-"Sala tat-Talb" li hi magħmula minn ħames kwadri fuq temi mhux reliġjużi.

Dejjem ġewwa l-belt ta' Urbino, Brandani ħadem ukoll fuq il-bassorilievi (tip ta' skultura fl-irħam fejn il-karattri jkunu mqabbżin 'il barra) fil-knisja ta' Santa Katerina u fil-Presepju tal-Oratorju ta' San Ġużepp, li hu meqjus bħala wieħed mill- kapolavuri tiegħu. Dan il-presepju hu magħmul minn xena tan-nativita' rappreżentata b'figurini. Pasturi huma maħduma mill-istokk f'daqs ta' persuna ħajja. Ħadem ukoll fil-katidral fejn kien ġie mqabbad mill-Isqof Felice Tiranni.

Fl-1560 ħadem fil-Palazzetto Bavaria f' Sanigallia u f'Palazzo Rocca di Fabriano. Mill-1562 sal-1564 irċieva l-istedina tas-Savoia biex iwettaq serje ta' xogħolijiet fil-kastelli ta' Fossano u Rivoli.

Lejn l-aħħar snin tal-ħajja tiegħu huwa għamel dekorazzjonijiet fil-Kastell Brancaleoni ġewwa Piobbico f'isem Antonio II ta' Monaldo u fil-kappella



tal-Bażilika ta' Urbino li kienet ikkummissjonata minn Guidobaldo fl-1571.

Ikkunsidrat bħala segwaċi tal-Mannerizmu, ġie spirat mill-iskemi Toskani u Rumani fejn jidħlu l-figuri. Dawn saru aktar eleganti grazzi għat-teknika vibrata. Jidher li hemm influwenza notevoli ta' Correggian u ma jonqosx id-derivazzjoni tal-grotesque Ruman u, b'mod ġenerali, Brandani jirrifletti fuq it-tradizzjoni ċivilizzata tal-ħmistax-il sena, imsejsa fuq Piero della Francesca. Bħala skultur Urbanico, Federico Brandini (1520-1575) huwa magħruf fuq kollox għal Presepju maħdum minn taħlita ta' ġibs, kolla, u materjal ieħor. F'dan il-presepju li jinsab fl-Oratorju ta' San Ġużepp, u li nħadem fis-seklu ħmistax, insibu l-għar tan-nativita forma oriġinali ta' stalla, figuri qies ta' bniedem, bil-finezza fix-xogħol li ġew maħduma bih. Wieħed jammira l-panneġġ tal-personaġġi u l-atonamija tal-figuri li jixbħu lil dik tal-iskola ta' Michelangelo. Kull personaġġ għandu moviment partikulari. Jekk wieħed jifli l-Bambin, kwazi għarwien, b'subajħ f'ħalqu jħares lejn il-Madonna jinduna kemm qagħad attent għal manjeriżmu tal-bniedem. Il-Madonna tinkina biex terfgħu u lesta biex tpoġġih f'ħoġorha. San Ġużepp imħasseb, għajjien u jserraħ fuq il-pala ta' idu, mixħut fl-art iserraħ mal-pilastru tal-injam. Ir-rgħajja kull wieħed b'moviment għalih, ġew bir-rigali ta' foqra li huma. Wieħed minnhom iżomm in-nagħġa minn għonqha biex ma taħrablux. Dawn il-movimenti kollha jdaħħluk fl-atmosfera ta' dak il-mument ta' meta twieled Ġesu' Bambin.

Il-kittieb Pietro Giordani (1774-1848) lil ħabib tiegħu kitiblu hekk:

*"Lil Brandino, għandek assolutament tkun tafu. Ikun tajjeb li tagħmel qabża sa Urbino u tmur tara l-presepju li għamel dan il-bniedem, li għalija huwa sabiħ immens u ħaġa meraviljuża"* (27 ta' Ottubru 1813)

**Il-Kumitat tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju-Malta,**
**jixtieq jawgura l-Milied u s-Sena t-tajba**
**lill-membri u l-familjari tagħhom.**
**J'Alla 'l-paċi ta' Betlem timla djarna s-sena kollha.**

# *Tifla Stramba*

**Minn Marianne Tabone**



Fil-klassi ta' Miss Ninette marret tifla ġdida. Kienet anke ġdida fir-raħal għax kienet ġiet minn raħal ieħor. Kienet tfajla ħelwa, għajnejha ċelesti kulur is-sema sajfi u xagħarha isfar lewn il-qamħ tal-għalqa ta' Franġisk il-bidwi.

Il-bniet meta raw kemm kienet ħelwa, riedu jagħmlu ħbieb magħha u s-subien inħallu fuqha. Kien jisimha Rowena. Baqgħet il-ħin kollu wiċċha l-isfel. Kienet tidher mistħija ħafna. Miss Ninette għamlitilha sinjal biex tpoġġi ħdejn Clarissa. Imbagħad l-għalliema bdiet tagħmel sinjali strambi b'idejha u tħares lejn Rowena. Rowena qisha riedet twieġeb lill-għalliema u anke hi bdiet tagħmel sinjali. It-tfal l-oħra baqgħu jħarsu lejn dik ix-xena mhix tas-soltu.

Imbagħad Ms. Ninette ħarset lejn il-klassi u bdiet tispjega. Ma kinitx taf li se tkun fil-klassi tagħhom. Rowena hija tifla nieqsa mis-smiegħ. Kienet waslet fl-iskola dakinhar filgħodu u għalissa ġiet biex tara kif kienet tmur fi skola tal-gvern. Kien hemm min ta parir lill-omm li aħjar fi skola privata. Imma hi xtaqet tipprova.

Fil-ħin tal-break dakinhar Rowena kellha grupp tfal madwarha. Għamlu kif kienet qaltilhom Ms. Ninette. Biex jitkellmu kienu jmorru faċċata tagħha. Għall-ewwel kienet tidher qisha ċajta. Ma damitx! Rowena bdiet tkellimhom b'leħen werżieqi li hu komuni f'min ma jismax. Meta ma kinux jifmuha kienu jgħidulha u hi kienet tirrepeti jew tikteb li tkun trid tgħid.

Ġimgħa għaddiet bħal ħolma u Rowena kienet bdiet tinsa li ommha riedet tagħmel deċiżjoni liema skola se tattendi. It-tfal tal-klassi kienu drawha u kienu jħobbuha. Wara l-ewwel jumejn bdiet tilgħab mal-oħrajn u tiġri fil-bitħa. Ma kinitx tibża' li xi ħadd jidħol fiha. Kien fiha tifla Alla jberikha u ma taqax malajr kif ġieb u laħaq.

Kienet ġiet lejn nofs Novembru u Ms. Ninette bdiet taħseb biex bil-mod taħseb għall-presepju. Kienu jagħmlu l-grotta huma stess. Bdew jiġbru l-gazzetti u

jgħafġuhom biex jibda l-bini meta jkollhom biżżejjed. Ms Ninette kienet l-għaxqa tagħha li żżomm mat-tradizzjonijiet antiki. Ġabet borża kbira mhux ħażin dqiq biex tużah bħala kolla. Naturalment il-lezzjonijiet baqgħu sejrin bħas-soltu u l-ħmistax – il ġurnata sakemm jibda Diċembru malajr gerrbu.

Lezzjonijiet tal-Arti kellhom biss darba fil-ġimgħa u kien hemm li kienu jaħdmu. Rowena ma kienet qatt ħadmet presepju bil-mod l-antik. Imma malajr fehmet. Ms. Ninette fissritilha u sħabha komplew jispjegawlha. Ġabet affarijiet bħall-oħrajn. Ommha ndunat kemm kienet ferħana f'dik l-iskola u l-ħsieb li tibdlilha l-iskola tar mar-riħ. Fil-fatt kellha pasturi antiki li kien tahomlha n-nannu tagħha. Kienu antiki u magħmulin mit-tafal. Ma kinux jinsabu għall-bejgħ. Kienu ilhom ma jsiru bħalhom snin twal.

Malli Rowena ħarġithom u tathom lil Ms. Ninette dik tgħidx kemm ferħet. Dik il-ħbiberija ma' sħabha tal-klassi kibret dejjem aktar. Intant bdew jaħsbu biex jitgħallmu r-reċta tal-Milied. Ms. Ninette riedet iddaħħal it-tfal tal-klassi kollha, anke lil Rowena.

Fil-play li bħas-soltu, kitbet hi stess daħħlet il-persunaġġ ta' tifla li marret ħdejn Ġesu biex tagħtih ġugarell. Malli daħlu r-rgħajja quddiem dik it-tarbija Divina daħlet magħhom Rowena. B'sempliċita kbira marret quddiem Maria u newlitilha l-ġugarell. Kien daqsxejn ta' ħmar ċkejken. Maria ħadet il-ġugarell minn id Rowena u poġġietu fil-maxtura. Imbagħad, bla ma kienet parti mill-kitba tal-play San Ġużepp ħa l-Bambin f'idejh, biesu u tah f'idejn Rowena. Bis-sempliċita kollha laqgħetu u wrietu lill-udjenza.

Dakinhar wara l-play tal-klassi ta' Ms. Ninette għajnejn kulħadd kienu niedja bid-dmugħ. Ħafna mill-ġenituri għannqu lil xulxin u kien hemm min għamel ħbieb ma' nies li kien ilu ma jkellem minħabba xi tilwima.

Il-Presepju ħaj kien wettaq ħafna ġid. 'Viva Ġesu Bambin' għajtu flimkien it-tfal. Qisu eku għajtu flimkien il-ġenituri 'VIVA ĠESU BAMBIN.'

## *Għandek eMail?*

Jekk trid infakkruk fl-attivitajiet li jkollna minn żmien għal żmien ibgħatilna l-indirizz tal-eMail tiegħek.



Tagħna huwa: **presmal18@melita.com**

# L-Istrina

*Joseph C Camilleri BA, DEAM, M.Ed (Pl & Mgt )*

Il-kelma strina saret tfisser attivitajiet li jsiru bl-iskop biex jinġabru fondi għall-karita taħt l-umbrella tal-'Community Chest Fund'. L-Istrina ma kienet xejn ħlief l-ewwel tas-sena, kien hemm diversi drawwiet marbutin ma' dan il-jum.



F'dan il-jum it-tfal kienu jduru mat-toroq tar-raħal jew belt b'bott tal-landa jew injam jiġbru xi ħaġa tal-flus minn kmieni filgħodu. Din l-għotja ta' ftit flus kienet tissejjaħ strina. Din id-drawwa tmur lura għaż-żminijiet tal-kavallieri. Il-kavallieri kellhom id-drawwa li f'dan il-jum kienu jdaħħlu jdejhom fil-but biex jagħtu xi ħaġa tal-flus jew xi ħajta deheb li kull wieħed li kien jaqdihom. Din id-drawwa kompliet tinferex fost il-membri tal-kleru u wara qalb in-nies. Hija drawwa fejn wieħed juri rispett għall-ħidma li wieħed jagħti matul il-jiem tas-sena. Hija mod biex wieħed jurik li japprezza dak li tagħmel. Meta dawn it-tfal kienu jduru triq triq, xi ħudd kienu jagħtuk xi tliet ħabbiet jew forsi sitta. Kien hemm min kien jagħti xi xelin. Idur idur fl-aħħar dawn it-tfal kienu jispiċċaw id-dar. Hawn kienu jinġabru biex jgħoddu l-flus. Waqt li kienu jgħoddu kienu jqabblu l-ammont ta' xulxin. Kien hemm tfal li ma kinux iduru bil-bott tal-landa jew tal-injam. Dawn kienu jduru d-djar tal-qraba u l-ħbieb tal-familja. L-aktar li kienu jżuru kienu n-nanniet, iz-zijiet u l-parrini. L-aktar popolari kien il-parrinu tal-griżma. Dan kien mistenni li jiftaħ idejh u jgħati xi ħaġa tal-flus aktar miz-zijiet u n-nanniet. Ħafna drabi dawn il-flus kienu jispiċċaw ġo xi karus sakemm jintefqu fi ħtiġijiet li kienu jinqalgħu minn żmien għal żmien. Oħrajn kienu jispiċċaw għand tal-ħanut biex jinxtraw lewż, ġellewż u tin. Dawn kienu popolari mat-tfal kif ukoll mal-kbar. Ħafna minn dawn il-lewż kien jispiċċa logħob.

Din id-drawwa bdiet tmajna bid-drawwa Ingliża tal-għotja tar-riġali. Dawn ir-rigali kienu jiġu mogħtija f'jum il-Milied. X'tip ta' rigali kienu jagħtu lit-tfal? Is-subien kienu jieħdu xi karozza, xi ballun, xi statwa tat-tafal, xi figura ta' bambin jew presepju tal-karta pesta. Il-bniet kienu jieħdu xi pupa, xi għamara

tal-pupa, xi statwa tal-Madonna, xi presepju eċċ.

Il-flus tal-Istrina bdew imajnaw u minflokhom bdew deħlin ir-rigali. Dawn kienu jiġu mogħtija f'jum il-Milied. Ma kienux xi rigali kbar jew li jqumu ħafna flus iżda kienu jferħu l-qalb tat-tfal. Ngħidu aħna xi karozza jew pupa, xi ballun jew xi ħabel, xi mudell ta' dgħajsa jew xi ktieb tat-tpinġija. Kienu wkoll moda li tagħti lit-tfal xi statwi ta' xi qaddisin u jew presepju prim tal-karta pesta.

**It-tfigħ tal-ġir fuq l-għatba**

Il-ġir kien xi ħaġa speċjali għall-Maltin. Billi kien abjad karti u safi kien jippreżenta ndafa u hena kif ukoll mezz ta' risq it-tajjeb. Għalhekk fl-ewwel jum tas-sena kont tara xi raġel (ġieli xi mara wkoll) għaddejjin bit-tilar ġir fuq rasu. Meta jasal quddiem xi bieb ta' xi ħadd tat-tajjeb, kien jifrex ponn ġir fuq l-għatba tal-bieb. Kien iħabbat fuq il-bieb u meta wieħed jiftaħ kien jagħti l-awgurji tiegħu. Il-kliem kien ivarja, l-aktar popolari kienu: *Is-sena t-tajba oħti (jew ħija).* Insibu wkoll taqbila li tgħid hekk:
Is-sena t-tajba, l-għatba mbajda,
Bajjadhielek is-Sultan;
Issa jrid li ttih xi ħaġa
Biex jitma' 'l mara u t-tfal.

Ħafna ma kienux jieħdu pjaċir bil-ġir fuq it-tarġa, għax kien ikollhom jikinsuh jew jaħslu l-għatba. Jum ta' festa ma tridx xogħol aktar u aktar jekk ikollu xi ikla għal nofsinhar. Xi nisa kienu jistennew tal-ġir jitfaċċa. Kienu jgħidulu biex ma jixħet xejn. Kien jgħidilhom il-kelmtejn tas-soltu u huma kienu jħallsuh xorta waħda.

Fil-Ħamrun kien hemm wieħed li kien idur triq triq lejlet l-ewwel tas-sena. Kien ikollu tilar bil-ġir. Bil-flus li kien idaħħal, kien imur għand xi ħanut tal-ħelu u jixtri kemm ikollu flus ħlewwiet, biex wara kull quddiesa kien iqassam lit-tfal huma ħerġin mill-knisja.

**Il-qarinża**

Din id-drawwa kienet parti żgħira mid-drawwa ikbar – il-qarinża. Din kienet issir lejlet l-ewwel tas-sena. Xi rġiel kienu jinġabru bl-istrumenti tipiċi Maltin – iż-żaqq, il-flawt u t-tanbur. Kienu jħabbtu fuq l-bibien tan-nies biex jagħtuhom xi ħaġa tal-flus. Wara l-awguri sid id-dar jagħtihom xi ħaġa f'idejhom. Ġieli kien ikollhom xi manikin. Din aktarx kienet tippreżenta s-sena li kienet ser tispiċċa. Il-figura tal-manikin kienet tkun waħda ta' mara għalhekk il-ħwejjeġ kienu jkunu qodma u femminli. Xi drabi minflok manikin kienu jkollhom tnejn, wieħed ta' mara u ieħor ta' raġel. Il-mara kienet, bħal dejjem tippreżenta s-sena l-qadima

u r-raġel kien jippreżenta s-sena l-ġdida.

Xi drabi sid id-dar minflok jagħti flus kien jistieden in-neis tal-qarinża ġewwa. Kien joffrilhom ikel u xorb u waqt li kienu jieklu wieħed minnhom kien jimtedd fl-art, qisu mejjet. Xi wħud kienu taparsi jaqilgħu partijiet ta' ġismu biex jagħtuhom lill-ieħor. Il-persuna fl-art tippreżenta s-sena l-qadima waqt il-persuna l-oħra tippreżenta s-sena l-ġdida.

Id-drawwa tad-daqqaqa jduru fit-toroq f'lejlet l-ewwel tas-sena kienet ħadet sura differenti. Xi mużiċisti kienu jinġabru bl-isturmenti tagħhom iduru t-toroq idoqqu innijiet u marċi. Xi wħud kienu jikru karozzin biex imorru f'xi raħal fejn ma kienx hemm banda. Naturalment in-nies kienet tagħtihom xi ħaġa tal-flus.

**Drawwiet li mietu**

Xi furnara kienu jagħtu xi ħaġa tal-flus lit-tfal li kuljum kienu jżuru l-forn biex jixtru l-ħobż għall-familja. Għalhekk it-tfal f'dawn iż-żminijiet kienu jersqu aktar lejn il-forn biex jiddubbaw xi ħaġa tal-flus. F'xi parroċċi kont issib xi qassis li kien jagħti xi ħaġa tal-flus li kull tifel jew tifla. Naturalment ir-raħal kien ikun żgħir. Din id-drawwa kienet issir minn xi qassis lill-abbatini li kienu jservuh waqt il-quddies. Fi żmien l-Ingliżi, xi tfal waqt li kienu jduru bieb bieb kienu jgħidu din it-taqbila:
*Chinese, Ġappuniż*
*Bum! Bum!*
*Strina please.*

Bil-flus li kienu jiġbru kienu jmorru għand tal-ħanut u jixtru xi lewż u ġellewż. L-Għawdxin kienu jgħidulu l-lewż tal-Milied. Għalihom il-lewż kienet ħaġa marbuta mal-Milied. Ta' min jgħid li f'Għawdex ma ssirx il-festa ta' San Martin u l-anqas ma ssir id-drawwa tal-borża.

Drawwa oħra marbuta mal-Istrina kienet li f'dan il-jum kienet issir l-ikla tal-ħut. Skont il-Malti l-ħut iġib ir-risq. Mhux kulħadd kien jemmen din għax għall-ikel kien hawn minn kien jagħmel xi ħaġa speċjali bħar-ravjul. L-ikla kienet ġieli jkollha l-imbuljuta tal-qastan.

**Drawwa Ingliża**

Il-Port il-Kbir kien dejjem mimli bċejjeċ tal-baħar. Dawn kienu jiftehmu biex hekk kif idoqq nofsillejl idoqqu s-sireni jew sfaffru s-sfafar. Din id-drawwa wkoll spiċċat.

# *Poeżija: Rigal tas-Sena*



B'Diċembru jasal magħna
narawh riesaq il-Milied,
festa daqstant mixtieqa
għax twaqqaf firda, bil-ġlied.

Bla dubju dan hu veru
għax twieled maħbub feddej,
f'Betlem il-belt Lhudija
fqir, b'missjoni ta' qaddej.

Mad-dinja b'Milied magħruf
li jitfakkar bl-aħjar mod,
festa li tnissel paċi
u ftehim iġġib fis-sod.

Festa ta' ħellies ċkejken
la twieled Ġesu Bambin,
li ma ġiex f'dar sabiħa
għalkemm Re  kif ukoll bnin.

L-Anġli li bil-kbir laqgħuh
għarfuh bħal ħallieq sidhom,
li ħabbruh b'kant ta' l-għaġeb
u raw għan-nies żdied ġidhom.

Sekli sħaħ  sa llum għaddew
b'dar-rigal baqa' magħna,
dejjem kull sena wasal
għax għadda mill-moħħ tagħna.

Infakkruh bil-presepji
lil bosta razez ta' nies,
miż-żgħir sal-kbir iħobbu
għax fih tara sliem bla qies.

Ipprintjat f'kartolini
biex tixxerred din l-aħbar,
li ġie mibgħut mis-sema
salvatur taż-żgħar u kbar.

Jingħata ġieħ fil-priedka
Fil-lejl qabel, tal-Milied
Minn tfajjel mgħallem ċkejken
Fil-knisja bin-nies imtliet.

Dan ir-rigal tas-sema
Mhu ħadd ħlief Ġesu' Bambin,
Ejjew triq inwittulu
B'laqgħa tajba ġenwin.

Mhux Milied darba f'sena
Irridu niċċelebraw
Iżda f'jiem sbieħ kollha
Għal ħsiebu nippreparaw

Hu l-akbar rigal tagħna
L'irridu ngħożżuh sewwa,
Biex kull darba li jiġi
Dan iħossu ta'ġewwa

**Joseph Bonnici**
**13/08/2017**

# Diffikultajiet u soluzzjonijiet fix-xogħol tat-tafal

Mis-Sur Guido Lafranco

Għall-pasturi tradizzjonali f'Malta, kien dejjem jużaw tafal lokali; it-tafal ta' barra beda dieħel madwar is-snin sittin. It-tafal tagħna jvarja ħafna fil-lewn u fl-ingredjenti, imma l-aħjar għalina huwa dak l-aktar skur, għax ikun fih inqas taħlit mal-ġebel tal-franka. Dawn in-noti huma biss dwar tafal lokali biex jinxef, u mhux biex jiġi moħmi għat-terrakotta. Nistgħu niġbru ftit-tafal minn fejn jidher; jita' jkun imxarrab bix-xita jew niexef. Biex nerfgħuh inżommuh imxarrab u artab biżżejjed li jista' jinħadem. Jekk nagħlquh sewwa ġo boroż tal-plastik jista' jdum imxarrab is-snin, u dejjem insibuh lest meta rriduh, iżda kultant naraw għadux artab; jekk le nżidulu l-ilma u nerġgħu nagħlquh. Biex naħdmu inneħħulu l-frak u l-ġebel li nsib fih, imma m'hemmx għalfejn niffitaw iż-żejjed, għax għall-pasturi tagħna ikun tajjeb biżżejjed.



It-tafal jinxtorob meta jinxef skond kemm ikun fih ilma ġo fih. Jekk irridu nsibu xi persentaġġ jinxtorob, nistgħu inremblu biċċa daqs sigarrett nimmarkaw fuqha żewġ sinjali, wieħed lejn kull tarf wara li nkejlu bejniethom bir-riga taċ-ċentimetri u millimetri; fuqha stess niktbu x'tul hemm bejn il-marki. Meta tinxef nistgħu nerġgħu inkejlu i nsibu kemm jinxtorob; inżommuha biex isservina bħala referenza.

Hemm min jaħdem bil-forom ta' pasturi sħaħ, iżda din is-sistema hija għall-*mass production.* Għall-bżonnijiet tagħna nistgħu naħdmu mingħajr forom, imma biex ma ndumux nagħmlu l-uċuh jew jekk ma ninqalgħux, nistgħu faċilment nagħmlu forma għall-wiċċ biss. M'hemmx għalfejn nagħmlu forma għar-ras kollha; biżejjed nagħmlu forma tal-maskra ta' quddiem biss. Tista' ssib wiċċ ta' statwetta skond id-daqs li trid biex tieħu l-forma minn fuqha. Min jaħdem il-wiċċ tal-ġibs jista' juża l-forma tal-wiċċ billi jagħfas biċċa pastallina, jieħu l-forma u jimliha bil-ġibs verġni, iżda jekk jaħdem bit-tafal trid tuża mezz ieħor. Ibni kaxxa bil-plastellina madwar il-maskra tal-wiċċ, u ferra fiha ġibs verġni likwidu. Meta



tinxef neħħi l-ġibs (mingħajr skoss) u jkollok il-forma. Agħfas it-tafal fiha u bil-mod erġa' oħorġu bil-forma tal-maskra. Kif ikun artab żid u naqqas tafal biex tagħmel il-wiċċ u ras kif trdhom. L-irjus, l-idejn u s-saqajn jistgħu jsiru mingħajr forom. L-irjus, l-idejn u s-saqajn li tagħmel kollha taqqabhom fil-bażi qabel jinxfu biex tkun tista' tqabbadhom mal-korp.

Jekk se taħdem set ta' pasturi kollha mit-tafal bla użu ta' forom, u ma tkunx tista' tispiċċhom f'darba, immarka fuq biċċa kartuna t-tul tal-ewwel wieħed li tkun għamilt, biex meta terġa' taqbad ix-xogħol tkejjel fuqha u ma tkejjilx fuq il-pastur stess, għax billi jkun nixef ikun ukoll qsar xi ftit.

Kultant ikollok bżonn iċċekken il-forma tal-wiċċ għal sett ftit iċken, għax ma tkunx sibt statwetta lesta tal-qies biex tieħu forma minn fuqha. Biex tagħmel dan ħu forma ġdida bil-ġibs fuq wiċċ tat-tafal li tkun ħriġt minn ta' qabilha, meta jinxef. Billi jkun nixef, ikun ftit iċken, għalhekk il-forma minnu toħroġ ftit iċken minn ta' qabilha; mhux biss, iżda l-wiċċ tat-tafal li tagħmel minnha joħroġ iċken sew mill-oriġinali.

Biex it-tafal jidher lixx wara li taħdmu u jkun għadu artab, għaddilu l-wiċċ ħafif bil-pinzell artab tal-*water colour,* iżda ma jridx ikun fih ħafna ilma għax jinqalagħlek it-tafal.

Minflok tagħmel il-pastur kollu tat-tafal, tista' tagħmillu biss il-wiċċ, idejn u saqajn tat-tafal u l-korp tal-kartun u karti biex tista' tgħawġu kif trid u tlibbsu ċraret bil-kolla. Tużax fildiferru jew passaperla mikxufin biex tgħaqqad flimkien xi partijiet tat-tafal jew mat-tafal, għax dan jissaddad u jaqsam. Uża passaperla miksija bil-plastik li jużaw għall-pjanti, u f'xi każi tista' tuża ukoll *tootpicks* u stikek tal-qasab jew injam irqiq bil-kolla fit-toqob li tkun ħejjejt qabel nixef it-tafal. Jekk tuża njam jew sulfarini ġot-toqob qabel ma jinxef jista' jismen u jaqsam.

Meta tuża kolla mat-tafal biex issewwi jew twaħħal xi ħaġa miegħu, din għandha tkun bażi ta' ilma, bħal kolla bajda, għax tista' tippenetra fit-tafal; oħra biż-żmien tinfired mit-tafal. Tafal ma' tafal meta jkun frisk, notmalment jitwaħħal bi ftit tafal miżjud l-ilma.

L-akbar problema fil-pasturi lesti hija dik tas-swaba li lesti dejjem biex jinkisru.

Soluzzjoni waħda hi li swaba jinħadmu biċċa waħda biex jissaħħu kemm jistgħu. Soluzzjoni oħra hi li l-id tkun trid tistriħ jew imwaħħla mal-korp, jew qrib kemm jista' jkun. Soluzzjoni aktar effiċjenti li bdejt nuża jien hi li meta tkun lesta l-id bis-swaba b'kollox miftuħin, tgħaddasha fil-kolla bajda u tħalliha tinxef. Jekk jinqasmu xi swaba wara dan it-trattament, dawn ma jaqawx u jbqgħu f'posthom. Trid tesperimenta liema kolla hija l-aħjar għal dan l-iskop.

Biex tiżboh it-tafal trid tuża żebgħa opaka, bażi ta' ilma. Il-kuluri taż-żejt jidhru sbieħ jekk tużahom, iżda biż-żmien jitqarqċu malajr. L-antiki kienu jiżbgħu l-pasturi bil-ġir kulurit bi ftit kolla arabika maħlula fl-ilma. Fi żmienna għandna l-*water paint;* nistgħu nużawh abjad bħala l-ewwel passata, u wara nżidulu xi *colouriser* skond kif irridu. Wara l-ewwel passata bajda nistgħu nagħtu kuluri *acrylic* li huma fini, sbieħ u permanenti.

*Dan l-artiklu huma noti li kien għamel is-sur Guido Lafranco f'taħdita li saret l-Erbgħa 15 ta' April 1998 fis-Sala San Franġisk, l-Belt Valletta lill-membri tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju-Malti*

---

# *Milied fil-Millenju*



Li ġeddidt twelidek għal dal-millenju
kont nisilfek kamra
bl-arja kkondizzjonata
ma tirżaħx bil-bard,
ma tmermrekx l-umdita,'
tibki imbennen fis-sħana.
U ħalli lili ħdejn l-annimali
għarkubbtejja immil
nitlob maħfra ta' dnubieti terroristi
nibla' l-penitenza għarwien fil-ksieħ.

Ħa nkun ragħaj flawtist jagħraf merħlietu,
inressaq lil ta' madwari fil-grazzja tal-grotta,
u tħallix f'daż-żmien ta' progress pagan
inwarrbu l-istilla boxxla minn taħt għajnejna.

**Jonathan Balzan**

# *500 sena mill-Ġrajja Mistika ta' San Gejtanu*

*Minn Alex Powell*

Fost il-ħafna xbihat artistiċi li juru x-xena qaddisa ta' San Gejtanu ta' Tiene jirċievi l-Bambin tat-twelid minn idejn ommu Marija Santissma, waħda partikolari tgħaqqad din il-ġrajja li seħħet fl-1517 mal-presepju. Fil-kappella dedikata lil San Gejtanu tal-knisja antika Naplitana tas-Santi Apostoli, nsibu pittura tal-artist Naplitan Agostino Beltrano, magħruf l'Agostiniello (1607-1656) li turi l-ġrajja mistika ta' San Gejtanu waqt li fin-naħa ta' fuq tat-tila jidhru x-xena tal-presepju, n-nativita' tal-Bambin Ġesu' u anke t-tħabbira tal-anġlu lir-rgħajja. Dan jikkonferma r-rabta ta' San Gejtanu mal-presepju mqaddes.

Bħal diversi qaddisin, San Gejtanu kien jgħożż b'devozzjoni u mħabba speċjali l-Misteru tal-Inkarnazzjoni, l-misteru tal-akbar imħabba li Alla, bis-setgħa u l-omnipotenza, ħa l-ġisem u sar bniedem bħalna. Qaddisin bħal San Franġisk t'Assisi u saħansitra San Ġorġ Preca, dak li wettaq Alla l-imbierek fil-pjan tiegħu ta' salvazzjoni tal-umanita', jieħu s-sura ta' bniedem u jitwieled f'faqar liema bħalu, imlielhom qalbhom b'imħabba kbira, qanqalhom u ma ħallihomx kwieti quddiem imħabba bħal din. Mumenti ntensi ta' meditazzjoni fuq il-Misteru tal-Inkarnazzjoni wassalhom biex din l-imħabba divina ma jżommuhiex għalihom biss imma riedu jxerrduha qalb il-bnedmin, billi l-għajnejn umani jaraw dak li Alla għamel għalina, u hekk ħolqu l-presepju tagħhom.

Lejliet il-Milied ta' din is-sena, 2017, jaħbat il-500 sena minn meta San Gejtanu, mitluf f' meditazzjoni dwar il-Misteru tal-Inkarnazzjoni, ra lil Marija Verġni tnewwillu lil Ġesu' Bambin tat-twelid.

**Ħajtu**

Gejtanu twieled Vicenza fl-1 t'Ottubru 1480, u kien ordnat saċerdot fl-1516. Huwa meqjus bħala l-fundatur tal-Kongregazzjoni tal-Kjeriċi Regulari, it-Tejatini. Miet fis-7 t'Awissu 1547 f'Napli, fi żmien ta' taqlib kbir u vjolenza f'Napli. Tant kien imnikket b'din is-sitwazzjoni li talab lill-Mulej li jagħti ħajtu għall-paċi f'Napli. Il-Mulej sema' talbu, meta mal-mewt tiegħu waqfu għal kollox l-irvellijiet imdemmija fil-belt Naplitana u kienet stabbilita' l-paċi. Il-fdalijiet tiegħu għadhom meqjuma fil-knisja ta' San Giuseppe Maggiore, bil-monument tiegħu fil-pjazza tal-knisja f'tarf it-triq presepistika San Gregorio Armeno. Kien beatifikat fit-8 t'Ottubru 1629 mill-Papa Urbanu VIII u kanonizzat fit-12 t'April 1671 minn Klement X.

**Rabta mal-Presepju**

F'Napli, San Gejtanu huwa magħruf bħala l-inventur, dak li ħoloq il-presepju Naplitan. Minkejja li l-iżvilupp tal-presepju Naplitan huwa aktar kompless minn hekk, kitbiet bħal din tal-1726 għenu ferm biex il-qaddis ħa din il-fama presepistika.

Fil-ktieb tas-seklu XVIII *Vita di S. Gaetano Tiene Patriarca de' Chierici Regolari*, l-awtur, Padre Gaetano Maria Magenis jatribwixxi l-ħolqien tal-presepju propju lil San Gejtanu f'Napli.



Padre Magenis jikteb hekk: 'Jekk trid tkun taf il-bidu ta' dawk il-presepji artistiċi u kommoventi li matul il-festi tal-Milied tas-Sinjur ikunu esebiti għad-devozzjoni tal-fidili, komposti minn figuri diversi u jirrappreżentaw il-Misteru kbir (tal-Inkarnazzjoni), fejn tara t-tlett karattri tas-sema, t-Tarbija, l-Omm u żewġha, r-rgħajja bin-ngħaġ, id-daqqaqa (zampognari), il-Maġi bl-iġmla tagħhom u s-segwitu tagħhom, l-anġli jkantaw lill-Aktar Għoli, l-gendus u l-ħmar li bin-nifs tagħhom isaħħnu t-tarbija tat-twelid, l-istalla, l-maxtura u l-kewkba tal-lvant; jekk, allura,trid tkun taf, kif kont qed ngħid, l-ewwel awtur ta' dawn il-presepji, dan kien Gejtanu waqt li kien f'Napli; għall-impressjoni ħajja li l-qaddis kellu permezz tal-privileġġ li rċieva minn Marija Verġni, li tatu t-Tarbija mwielda f'idejh, waqt li fil-lejl tal-Milied, kien miġbur fit-talb quddiem il-veru maxtura ta' Betlem, li ttieħdet lejn il-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore f'Ruma; l-qaddis ħassu mqanqal biex jibni presepju, li jista' jarah kulħadd, bir-rappreżentazzjonijiet li semmejna biex kull sena jġedded il-memorja tal-privileġġ kbir li rċieva f'Ruma u biex il-fjammi tal-Imħabba Divina jixegħlu aktar ħajja fl-ispirtu tiegħu, biex imbagħad iferrixhom fil-qlub tal-oħrajn. Hawn l-ispirtu tiegħu jaqbeż bil-ferħ, issa jiċċelebra ma' Omm Alla, issa jkanta Glorja

fl-għoli tas-smewwiet mal-anġli, issa jisma' d-daqq tal-pasturi, li ntroduċihom fil-presepju b'dan l-iskop, u flimkien mal-Maġi jadura lit-Tarbija tal-imħabba. Dawk li ikunu attirati f'numri kbar minn dan l-ispettaklu ġdid ta' devozzjoni li qatt ma raw bħalu, jingħataw prietka, aktar bid-dmugħ milli bil-kliem, u b'tant emozzjoni minn dawk li jisimgħuha , tant li dawk li ma jitqanqlux mill-kliem iebes tal-predikaturi, issa tqanqlu għall-indiema bil-kliem imqanqal ta' Gejtanu. L-invenzjoni tal-Qaddis tagħna timmerita rikonoxximent mill-belt ta' Napli, li fis-snin ta' wara bdiet dieħla fi knejjes oħra, imbagħad minn post għall-ieħor sakemm illum din l-użanza daħlet kullimkien, anke fid-djar privati.'

**Il-Ġrajja Mistika**

Kif għedna, sena wara li ħa s-saċerdozju, propju lejliet il-Milied, Gejtanu jinżel fil-kripta tal-presepju f'Santa Maria Maggiore biex hemm jitlob u jimmedita fuq il-ġrajja tat-twelid tal-Messija. Jagħżel il-knisja l-aktar intrinsikament marbuta mal-ġrajja tal-presepju. Il-knisja li ħaddnet fiha sa mill-bidu l-kripta tal-presepju, mnejn il-kelma *praesepe*, bil-latin tfisser stalla jew maxtura, intużat għall-ewwel darba fil-kuntest tat-twelid tal-Bambin Ġesu', l-knisja li laqgħet fiha l-fdalijiet tal-maxtura qaddisa fis-seklu VII u għadhom meqjuma hemm sallum, il-knisja tal-ewwel pasturi plastiċi maħduma minn Arnolfo di Cambio fl-1289, u saħansitra għamlet żmien magħrufa b'Santa Maria del Presepe. Kien l-aktar post adatt għall-qaddis biex ikun imdawwar bit-tifkiriet qaddisa tal-ġrajja tal-Milied.

F' ittra miktuba lil Suor Laura Mignani fit-28 ta' Jannar 1518, il-qaddis jiddeskrivi l-esperjenza tiegħu f'dak il-lejl fejn jgħid li sab ruħu tassew fl-għar imqaddes. Hemmhekk ra lil San Ġlormu kollu mħabba għall-presepju, li jiddeskrivih b'missier tiegħu, u li għadmu jinsab midfun fid-daħla ta' dan il-presepju, jagħmillu l-qalb. Għall-kelma tiegħu huwa ħa lill-Bambin, tfajjel ħelu, minn idejn il-Verġni mistħija. Lit-tfajjel jiddeskrivih bħala l-Kelma Eterna magħmula bniedem. Huwa jtenni li reġa ġralu l-istess waqt iċ-Ċirkonċiżjoni, mal-wasla tal-Maġi u anke fit-tempju fejn sema' l-għanja ħelwa tax-xwejjaħ Xmun u l-kliem iebes u morr li ħabbar.

Minkejja li f'għajnejna naraw din il-ġrajja ta' San Gejtanu bħala waħda sabiħa u romantika, l-qaddis iħoss li dan ma kienx jistħoqqlu meta jgħid li, 'iebsa tassew kienet qalbi, emminni, għaliex, ladarba f'dak il-waqt ma nħallitx, riedet tkun iebsa daqs djamant..... tassew li fija m'hemmx ħlief ebusija tal-ħadid, intiena u fsied.' Din l-esperjenza kompliet tkebbes qalb San Gejtanu lejn il-Misteru tal-Inkarnazzjoni. Huwa wasal fil-Belt ta' Napli flimkien ma sħabu Tejatini fl-1533. Għall-bidu stabilixxew ruħhom fl-Isptar tal-Inkurabbli, ċertament mhux l-aqwa post adatt biex tgħix fih, imma dan juri l-istil ta' ħajja ta' umilta' u poverta li jiddependi mill-providenza t'Alla. Hawnhekk jissemma li Gejtanu rama presepju. Napli ma kinetx nieqsa mill-fama tal-presepju. Fil-fatt l-ewwel aħbar teħodna lura elf sena, meta fl-1021 tissemma il-knisja Santa Maria ad Praesepe, magħrufa

bħala Rotonda. Mis-seklu 13 niltaqgħu ma' sensiela ta'presepji famużi fi knejjes Naplitani li kebbsu mħabba fil-poplu Naplitan lejn il-presepju.

F'Lulju tas- sena 1534, Gejtanu flimkien ma sħabu jmorru joqogħdu f'post ieħor modest bl-istalla, fejn bena kappella u ddedikaha lil Santa Maria della Stalletta, propja għall-Madonna tal-Presepju. Hemmhekk beda jarma l-presepju tiegħu.



L-akbar importanza għall-presepju li kien jagħmel San Gejtanu, bla dubju kien il-messaġġ qawwi tal-Misteru tal-Inkarnazzjoni, li l-Iben t'Alla twieled fostna fil-faqar, biex kif għajnejh raw il-Bambin tat-twelid f'idejn il-Verġni Mbierka, hekk ukoll jaraw dawk kollha li jaraw il-presepju tiegħu. Ma jasalx lilna xi stil ta' presepju kien u jekk kienx fih elementi li 'l quddiem evolvew fil-famuż presepju Naplitan. Waħda mill-aktar karatteristiċi tal-Presepju Naplitan, li x-xena tan-Nativita' sseħħ fir-rovini ta' tempju pagan, simbolu tal-waqgħa tal-paganiżmu mat-twelid ta' Ġesu', taf il-bidu tagħha fl-istess żminijiet bil-presepju ta' Giovanni da Nola fl-1530 fil-knisja San Giuseppe Maggiore dei Falegnami. Ma teżisti l-ebda evidenza li l-presepju ta' San Gejtanu kienx kontinwazzjoni ta' din l-ideja, u lanqas xi karatteristiċi oħra. Iżda l-pasturi kienu tal-injam u mlibbsin bid-drapp, xi ħaġa popolari ferm fil-presepju Naplitan. Is-silta li qed inġibu mill-ktieb ta' Padre Magenis, jindika li kien San Gejtanu fil-presepju tiegħu li ntroduċa iz-zampognari, daqqaqa taz-zampogne (ċirimella), strument popolari fl-Italja Ċentrali u n-naħat t'isfel u li jindaqq l-aktar fiż-żminijiet tal-Milied. Iz-Zampognari baqgħu pasturi tipiċi tal-presepju Naplitan.

Bħal ma l-presepju ma kienx ikun l-istess mingħajr San Franġisk t'Assisi, hekk ukoll hija l-importanza ta' San Gejtanu fl-istorja tal-Presepju. Waqt li din is-sena qed infakkru il-500 anniversarju mill-ġrajja ta' San Gejtanu, niftakru li fi ftit snin oħra se nkunu qed infakkru it-800 sena mill-presepju ta' San Franġisk fi Greccio fl-1213.

# *Estratt mill-manuskritt Awtobijografiku tiegħi 'Folji minn Ħajti' (Guido Lanfranco)*



**L-Ewwel Premju!**

Is-sena skolastika 1938-1939, meta jien kelli tmien snin, kienet l-ewwel sena fl-iskola l-ġdida Stella Maris tal-*freres* wara li tlaqna minn Villa Schinas f'Tas-Sliema għall-Gżira. Meta wasal żmien il-Milied, il-*freres* organizzaw kunċert fil-kuritur ta' ħdejn ir-refettorju. Għalkemm għadni niftakar ħafna ntietef minn dik l-okkazjoni xorta waħda qisha ħolma għax kienet mimlija affarijiet li għalija kienu kollha novità. Il-ġenituri kienu mistednin. Niftakar li grupp ta' studenti telgħu fuq il-palk ikantaw bċejjeċ popolari bl-Ingliż ta' dak iż-żmien, oħrajn għamlu ftit tad-drill, irreċtaw xi poeżija u l-kumplament.

Jien qatt ma kont naf li jagħtu premjijiet lil min jiġi minn tal-ewwel fl-eżamijiet. Imma f'din l-okkażjoni bdew jissejħu l-ismijiet u tfal rebbieħa bdew telgħin fuq il-palk proviżorju biex jingħataw premju. Jien smajt lill-*brother* isejjaħ ismi imma bqajt skantat għax ma kontx naf x'kien qed isir sewwa. *Brother* ieħor ġibidni minn posti u mexxieni sal-palk fejn tlajt skantat qisni f'ħolma. Tani f'idi Bambin tax-xemgħa ta' xi seba' pulzieri u bdew iċapċpuli. Mort lura aktar skantat f'posti u nħares ħalli nara nilmaħx lill-papà u 'l mamà imma ma rajthomx. Meta spiċċa kollox missieri u ommi sabuna u morna lura d-dar u jien il-ħin kollu bil-Bambin f'idi, aktar għax kien premju tiegħi tal-eżami milli għad-devozzjoni.

Dan il-Bambin erfajtu f'kaxxa u fil-Milied, kull sena kont nagħmlu fuq il-gradenza ħdejn il-Bambin mimdud li kellha ommi. Fis-snin tmenin Tony

C. Cutajar, kittieb u għalliem, ried jippubblika serje ta' kotba għall-iskejjel intenzjonati għall-qari bil-Malti. Is-serje semmiha "Il-Ġojjin".

Fit-tielet ktieb li ħareġ mill-*Falcon Educational Books* 1984, paġni 44-45, hemm taqbila tiegħi li kont ktibt dwar dan il-Bambin:

**IL-BAMBIN TAX-XEMGĦA TA' TFULITI**

Jien Bambin tax-xemgħa għandi
Li għalija tant sabiħ,
Ftit imdaqqas, liebes abjad,

Kull Milied inżejjen bih.

Meta kont immur l-iskola,
Kien għad kelli xi tmien snin,
Kont ġejt l-ewwel f'xi eżami
Kienu tawni dal-Bambin.
Ta' kull sena jien nixgħellu,
Indawwarlu qamħ u xgħir;
Meta nħares lejh niftakar
F'dawk is-snin meta kont żgħir.
Il-Milied kien ikun ħieni,
Għax jien niket ma kontx rajt,
Kollox kien ilwien u hena, . . .
Kliem ta' mħabba dejjem smajt.
Iżda l-ħajja bdiet titgħawweġ,
Saret iebsa, kollha mrar . . .
Rajt tbatija, mewt mibgħeda,
Ferħ tfuliti kollu tar.
Meta jasal Milied ieħor
Nerġa' noħroġ dal-Bambin,
Biex kull meta nieqaf fejnu,
Ngħix għal ftit is-snin ħenjin. *(1984)*

Wara li għalaqt is-sebgħin sena u fuqhom, iddeċidejt li dan il-Bambin mgħandux jibqa' fil-kaxxa għalhekk fl-2006 immuntajtu ġo bozza u żejjintu bil-lewlu u l-ganutell, li ġa kont bdejt naħdem jien stess, biex niddekorah u ktibtlu skrizzjoni xierqa.

# *Il-Milied...*
# *Drawwiet Maltin fl-Imgħoddi*

*Minn Marion Higgins DeBono*

Merħba Bih!... dan hu tassew il-jum tal-aqwa ferħ għax ifakkarna f'meta twieled għalina l-Feddej Mqaddes.

Iżejnu l-knejjes, u bil-lejl, tarahom jiddu mixgħela sħiħa, bħal li kieku b'inhar waqt ix-xemx. Il-ħwienet u l-każini, s-suq, kif ukoll id-djar tal-għonja, kull fejn tħares, friegħi tas-siġar addoċċ u ward maqtuħ frisk mill-ġonna.

Lejlet il-Milied filgħaxija, joħorġu jdoqqu bil-kittarri u l-mandolini, oħrajn jiltaqgħu għand ħbiebhom jieklu flimkien il-qagħaq tal-għasel, sfineġ u xkunvat, u jilagħbu l-ġellewż. Sa x'ħin jibda jdoqq l-aħħar tokki biex in-nies imorru l-knisja. Il-bqija tas-sahra, imbagħad jgħadduha hekk bħall qabel, għax dak il-lejl qajla jorqdu, ma tismax ħlief min iżenġer u jgħannu "Ninu, Ninu tal-Milied". Qrib il-Milied, f'xi rħula għadhom idoqqu ż-żaqq u tistħajjilhom tassew ir-ragħajja ta' Betlem. Fid-djar, jagħmlu l-presepju, x'uħud minnhom jkunu sbieħ kemm jista' jkun u ma tixba qatt tħares lejhom. Biżżejjed insemmu dak illi minn ftit taż-żmien 'l hawn jintrama ta' kull sena Ħal Qormi mis-Sur Tonin Muscat Fenech, li għamel għall-Konslu tal-Awstrija. Min fadal li ma marx jarah presepju sabiħ bħall dak li żgur ġo Malta ma kienx għadu deher bħalu? Jien ngħid għalija, meta rajtu, bqajt mistagħġeb aktar mill-imgħaġġeb li hemm f'dak il-presepju stess!... u xtaqt ma nafx kemm inħallas u jbegħuli. Biss ngħidilkom li l-aqwa rjus kbar tal-gzira marru jarawh. Id-drawwa li fil-Milied il-knejjes u djar iżejnuhom bil-ward u l-ħaxix, ilha, tista tgħid, minn mindu l-Appostli kienu għadhom fid-dinja. Il-mixelgħa ġol knejjes f'nofs il-lejl tal-Milied tfisser id-dawl li jidher jiddi f'wiċċ is-sema u lir-rgħajja ta' Betlem nebbaħhom u ħabbarhom bit-twelid tal-Bambin f'dak il-lejl.

Id-drawwa l-oħra li n-nies jiġifieri fil-Milied jagħmlu l-qagħaq tal-qastanija, hija mnissla mill-pagani, eluf ta' snin ilu, li kienu jaħmu u jixwu fl-ifran il-qagħaq bħala sinjal ta' qima li Gianu (alla falz tas-sena l-ġdida).

*Nota... Mill-ktieb tal- "Mogħdija taż-*żmien" Nru. 85. Taħt *l-Artiklu kien hemm nota bil-lapes li turi żewġ ismijiet dak ta' V. Busutill u ta' Kan. Farrugia!*

# Leġġenda tal-Milied

*Mill-Avukat George Zammit B.A.(Lond,), B.D (Greg.), LL.D*



Leġġenda ħelwa minsuġa mal-ewwel Milied; din għandha x'taqsam mal-fjura Margerita.

Ir-rgħajja malli semgħu l-aħbar tal-anġlu, marru kollha ferħanin lejn il-grotta biex joffru lil Ġesu' r-rigali tagħhom. Min ħadlu nagħġa, min xi frott, min par ħamiem. It-tifel tar-ragħaj kien sab lil San Ġużepp iqabbad in-nar biz-zkuk tal-fraxxnu, xtaq kieku jeħodlu xi ħaġa ukoll. Iżda kien fqir wisq, u ma kellu xejn. Waqt li kien sejjer lejn il-grotta ra fjura bajda bajda tgħolli rasha mill-art qisha anki hi xtaqet tara din it-Tarbija tal-għaġeb.

It-tifel ħa din il-fjura miegħu, u mistħi mistħi offriha lill-Bambin, Ġesu' wera li laqa' bil-ferħ ir-rigal ta' dan it-tfajjel fqir. Ħadlu l-fjura minn idu, u ressaqha lejn xufftejh, u fejn messew xufftejh, nibet fil-fjura kuruna ta'deheb l-aktar fin. Għalhekk il-margerita sa llum għandha kuruna tad-deheb fin-nofs, biex tfakkar lid-dinja f'dan il-lejl għażiż li fih il-Feddej ressaqha lejn xufftejh u biesha.

Ħsibijiet u tifkiriet bħal dawn jiġuna f'rasna x'ħin inħarsu lejn il-maxtura mnejn il-Bambin jiftħilna dirgħajh u jitbissmilna. Kien San Franġisk ta'Assisi l-ewwel wieħed li għamel presepju, biex hu u s-segwaċi tiegħu jithennew fil-kontemplazzjoni ta' dan il-Misteru.

Nagħmlu aħna wkoll bħal San Franġisk u sħabu. Ninġabru bħar-rgħajja madwar il-maxtura ta' Ġesu' Bambin qalb safja u mħeġġa. Għax minn dik il-maxtura biss tinżel fuqna dik il-paċi li ebda qawwa, ebda ġid tad-dinja ma jista' qatt jagħtina.

*Din il-leġġenda ħadtha mill-ġurnal "Leħen is-sewwa" - is-Sibt, 26 ta' Diċembru 1987.*

# Ir-Rigali:

Ferħ jew spejjeż biss?

Il-Milied. Għalhekk din l-atmosfera tant sabiħa! Xi ġmiel, kullimkien mixgħul; kullimkien mimli bin-nies! Wara kollox il-Milied mhux għalhekk qiegħed? Biex nonfqu u naqilgħu... insomma u l-kumplament.



Il-ħwienet mimlija daqs bajda. Mhux bilfors, ara x'tabella waħħal mal-vetrina...! Ara dawk, x'kobor ta' kaxxa ħerġin biha! Min jaf x'għandhom fiha? U l-oħrajn... ara kemm basktijiet! Kaxkru nofs il-ħanut magħhom! Mhux ta' b'xejn sid il-ħanut qiegħed jogħrok idejh!

Komplejt miexi tul it-triq iffullata bin-nies. Lanqas fejn toqgħod labra m'hawn! Għaddejt minn fejn ristorant magħruf. Ukoll! Mimli bin-nies! Arahom, jieklu u jiddevertu... Veru qed jagħmlu atmosfera sabiħa! Iva l-Milied jogħġobni. Qatt ma nara tant nies ferħana daqs illum. Kullimkien imżejjen sabiħ għal l-okkażjoni. *'Christmas Trees'*, dawl ikkuluriti u jteptpu, nies jonfqu bl-addoċċ...hmm, kellu bżonn ikun kuljum hekk!

Sadanittant wasalt ħdejn kappella ċkejkna u ddeċidejt li nidħol. Kwiet perfett! X'kuntrast mal-istorbju u l-konfużjoni ta' barra! Din il-kappella ukoll kienet mżejna, pero' b'mod differenti. Hemm, f'nofs l-artal, kien hemm maxtura ċkejkna, b'Ġesu' Bambin fiha. Il-Madonna u San Ġużepp kienu madwaru, għajnejhom donnhom iffissati fuqu. Dak il-ħin bħal stenbaħt minn dik l-illużjoni ta' barra u ndunajt li l-veru skop tal-Milied insejnieh. Donnu kulħadd kellu

għajnejh mgħammda bit-tlellix tar-rigali, flus u *Christmas Trees* u nsejna x'inhu l-iskop għal xhiex qed nagħmlu festa! Ġesu' qiegħed jistenna, mingħajr ma jlissen kelma waħda, lil xi ħadd iżuru u jiftakar fit-twelid tiegħu. Dan hu l-veru Milied!

U bdejt naħseb. Kos, dan Ġesu' ġie fid-dinja u mqar ġabilna rigal wieħed miegħu. Ġie idu f'idu, ta' fuqu senduqu! Imma malajr intbaħt għaliex. Ġesu' ma ġiex biex iġibilna l-affarijiet. L-akbar rigal kien hu nnifsu! U min jagħti lilu nnifsu jkun ta l-aqwa ħaġa.

Qatt ħsibt li rigal mhux il-flus jagħmluh prezzjuż? Qatt ħsibt li int biss tista' tagħmel rigal tassew prezzjuż? Għax rigal ikun jiswa daqs kemm tqiegħed imħabba fih. Oġġett żgħir mogħti b'ħafna mħabba, jiswa ħafna. Oġġett kbir mogħti bi ftit imħabba jiswa ftit.

Mela qabel tagħti rigal lil xi ħadd, iqaf mument ċkejken. Staqsi lilek innifsek; ġo dik il-karta tleqq u tlellex x'hemm, oġġett biss jew biċċa minn qalbek f'dak l-oġġett.

Il-maxtura kienet il-qartas. Il-qalb t'Alla kienet ir-rigal. Ħalli lil qalbek tkun rigal dan il-Milied!

***Meħuda mir-rivista' Reġina et Mater Diċembru 2006***

# www.presepjumalta.org

Dan hu l-indirizz tal-website tagħna!
Idħol fih biex taqra dwar l-istorja tal-Għaqda, l-presepju, kif taħdem il-presepju u xi aċċessorji.

Żur l-albums tar-ritratti u ġedded il-memorja tal-wirjiet annwali.



**Għaddi l-indirizz lill-ħbieb u qraba, speċjalment dawk imsefrin...ibqa żgur li japprezzaw.**

# *Ittra mill-Awstralja*

*Minn Charles Bellia*

Fost l-eMails li rċevejt ftit ilu, kien hemm waħda li qagħadt attent biex ma nħassarhiex. Kelli l-ħsieb li xi darba nippubblikaha fuq il-fuljett għax fiha messagg qawwi għal min irid verament jgħati sehemu biex tissaħħaħ it-tradizzjoni tal-presepju.

Din l-eMail waslitli mingħand is-Sur Joe Deguara, magħruf bħala Joe il-Mosti. Ilu l-Awstralja 62 sena. Joqgħod Kurnell, N.S.W., fejn skond hu ma tantx hemm Maltin. Xi għaxar snin ilu, flimkien ma' Victor Sammut, ukoll mill-Mosta, iddeċidew li jibnu presepju. Hu ħareġ l-ispejjeż u Victor għamel ix-xogħol. Billi fl-Awstralja ma sabux jixtru pasturi, irranġaw ma' ċertu Charles Vella, li dak iż-żmien kien Scout Master il-Mosta, biex jibgħatilhom il-pasturi minn Malta. Victor ġieli ġie Malta u kull darba kien jirritorna lura Kurnell b'xi pasturi li jkun xtara waqt iż-żjara tiegħu f'art twelidu.

L-ewwel darba li dan il-presepju deher fil-pubbliku kien fl-2008 fil-knisja



Presbiterjana ta' St. James. F'din l-okkażjoni Joe kien mitlub jitkellem dwar it-tradizzjoni tal-Milied f'Malta u quddiem madwar 250 ruħ miġbura għal Carol Singing hu tkellem dwar Il-Milied f'Malta u dwar il-popolarita u l-importanza li jgawdi l-presepju fid-djar Maltin.

Is-sena ta' wara il-presepju ta' Joe u Victor, li kien kbir madwar żewġ metri wisa' u metru u nofs fond, ġie trasferit fejn jinsab illum, f' Captain Cook Drive viċin ix-xatt ta' Botany Bay fejn, fl-1770 kien żbarka il-Kaptan James Cook. Maż-żmien il-presepju tkabbar għal 3 metri bi tnejn biex fih setgħu jitpoġġew karatterisitiċi oħra fosthom nixxiegħa ta' ilma ġieri. Minkejja li f'Kurnell ma tantx hemm Maltin, il-presepju xorta jgawdi popolarita tajba. Gruppi ta' Maltin minn Sydney jivjaġġaw bejn 60 u 80 kilometru biex imorru jaraw dan il-presepju. Persuna li qrat dwaru fuq il-ġurnal elettroniku "The Voice of the Maltese", qabad ajruplan u minn Brisbane mar Sydney biex jarah. Fi kliem Joe stess, "*waqt li kien qed iħares lejn il-presepju, għajnejn dan ir-raġel imtlew bid-dmugħ. Dan inkoraġġieni biex inkompli narma dan il-presepju li hu popolari mhux biss mal-Maltin imma anke mal-Awstraljani.* "

Joe temm l-eMail tiegħu billi rringrazzja lill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta għax-xogħol siewi li qed tagħmel u għall-website li għinitu ħafna biex bena il-presepju tiegħu.

Grazzi lilek Joe, li flimkien ma' ħabibek Victor qed iżżommu ħajja tradizzjoni hekk sabieħa tagħna l-Maltin.

MALTA CONVENTION FOR EUROPEAN FRIENDS OF THE CRIB




F'inqas minn sena ser inkunu qed nospitaw l-ewwel Konvenju Ewropew tal-Ħbieb tal-Presepju li qatt sar Malta.

**** Interessa ruħek f'dak li qed jiġi ppreparat!***
**** Offri l-għajnuna tiegħek fl-organizzazjoni!***
**** Irreġistra biex tieħu sehem fl-attivitajiet!***

Għal aktar informazzjoni żur il-website:
**www.cribconventionmalta2018.org**

# *Ġrajjiet Nhar il-Milied matulkom ja żminijiet*

*Minn P.Bonaventura Chetcuti, Agostinjan*

**Santu Wistin u l-aduraturi tax-xemx**

"Waħda mill-omeliji tiegħu fuq it-Twelid ta' Kristu, Santu Wistin kien ħadha bl-ikrah mal-pagani aduraturi tax-Xemx, billi żviluppa stupendement pass bibbliku tal-profeta Malakija. Hekk qalilhom lis-semmiegħa tiegħu li kienu miġbura fil-bażilika li kienet fgata bin-nies: "Ix-Xemx, li magħha ddur id-dinja, hija ħlejqa, iżda Alla huwa l-Ħallieq. Għażel apposta dan il-jum biex jitwieled. Il-Ħallieq ta' dejjem, imwieled fiż-żmien, ma setax ma jagħżilx bħala jum twelidu jekk mhux dak li għandu x'jaqsam max-xemx, ħlejqa mhux minn dejjem".

U jissokta jiżviluppa l-ħsieb għoli tiegħu billi jfakkar lill-istess semmiegħa kif, bis-solstizju tax-xitwa (dak iż-żmien, fil-25 ta' Diċembru), il-ġranet jibdew jitwalu, waqt li dak tal-Milied, dejjem fil-25 ta' Diċembru, huwa l-jum l-iżjed qasir. U b'hekk, jiġifieri bit-tagħlim tiegħu sew fil-priedki, kemm bil-kitba, Santu Wistin irrispetta b'tant fidi l-25 ta' Diċembru bħala l-jum tal-Miġja ta' Kristu fid-dinja, għaliex din kienet id-drawwa miżmuma mill-Knisja. "Natus Dominus octavo kalendas Januarli, quando iam dies incipiunt crescere".

**Magħmudija ta' Eluf ta' Anglo Sassoni**



Fil-paġni bojod tal-istorja, l-25 ta' Diċembru niżżel, "ad perpetuam rei memoriam", tifkiriet sbieħ ta' ġrajjiet importanti li wħud minnhom ta' min isemmihom lid-delettanti f'din il-ħabta tal-Milied u huma dawn, fil-qosor:

- fis-sena 507, kienu ġew mgħammdin flimkien mar-Re Etelbert, aktar minn għaxart elef Anglosassoni, fl-Ingilterra.

- Fis-sena 640, kien ġie kkonsagrat il-Papa Ġwanni IV.

- Wieħed mill-Papiet li kellu pontifikat twil ta' 23 sena, 10 xhur u 17 -il ġurnata, kien Adrijanu 1 li miet nhar il-Milied tas-795.

- F'dak tas-sena 967, il-Papa Ġwanni XIII kien poġġa fuq ras Ottone II il-kuruna Imperjali.

- F'dak ta' 1047, ġie magħżul Papa l-Isqof Tedesk ta' Mamberg, u ħa l-isem ta' Klement II.

**Attentat fuq il-Ħajja tal-Papa Girgor VII**



- Waqt il-quddiesa solenni, fil-lejl tal-Milied 1073, fil-bażilika ta' Santa Maria Maggiore, f'Ruma, l-Papa Girgor VII kien safa midrub f'moħħu, mitluq fl-art, f'għadira demm, fejn tefgħuh is-suldati, li daħlu apposta, mal-kap tagħhom Cencio, għadu kbir ta' dan il-Papa.

- Fil-Milied ta' l-1121, San Norbertu waqqaf, fi Premontre', l-Ordni tiegħu msejjaħ " tal-premostratenzi" taħt il-protezzjoni u regola Agostinjana.

- Fil-Katidral ta' Palermo, fil-Milied tas-sena 1130, Ruggieru II, kien ġie inkurunat bħala l-ewwel Re tan-Normanni.

- Il-lejl tal-Milied 1223 kien ħelu għall-San Franġisk t'Assisi b'dehra tal-ġenna fl-art. Ġietu f'moħħu l-idea sabiħa li joħloq presepju ħaj. F'għar fil-bosk ta' Greccio, ġieb gendus u ħmar żgħir, u lesta maxtura bit-tiben. Fih poġġa statwa tal-Bambin.

F'nofs il-lejl il-bosk kien kollu mdawwal mit-torċi u fanali li ġiebu magħhom in-nies għall-quddiesa li saret fl-għar, fuq mejda li serviet ta' altar. Wara l-kant tal-Vanġelu, San Franġisk għamel omelija fuq il-misteru tat-twelid ta' Kristu.

Meta, fl-aħħar tal-quddiesa, ħa f'idejh il-Bambin tal-injam biex jurih lill-poplu, o x'miraklu! Dik l-istatwa bdiet tiċċaqlaq, titbissem, titniehed l-istess bħal-tarbija tal-laħam.

**Il-Madonna bil-Bambin tidher lil Santa Katerina ta' Bologna**

Fl-1435, fil-Milied, bil-lejl, Santa Katerina minn Bologna kienet qiegħda titlob fil-knisja tal-monasteru. Dehret il-Madonna bit-Tarbija Ġesu', u, minn dirgħajha għaddietu għal dirgħajn il-Qaddisa. Din rassitha ma sidirha u poġġiet wiċċha ma' xufftejh. U d-dehra għabet. Minn dak il-ħin, ħaddejn Santa Katerina ħadu lewn partikulari, "insolitum ex eo traxere candorem", jiktbu l-Bollandisti. Il-mewt ukoll irrispettat l-istampa tal-bewsa tal-Bambin. Sa llum, fuq wiċċ il-katavru tal-qaddisa għadu jidher dak is-sinjal.

- Fil-Milied 1559, il-Kardinal Ġwann Anġlu Mediċi, iz-ziju ta' San Karlu Borromeo, kien ġie magħżul Papa bl-isem ta' Piju IV.

- Fil-lejla tal-25 ta' Diċembru tas-sena 1776, minn Princeton, George Washington qasam-ħaġa kważi impossibli!—ix-Xmara Delvare iebsa silġ, u ħabat għall-Assijani li qabad, fi Trenton, b'sorpriża.

- F'Gaillac, fi Franza, fil-lejl tal-Milied 1832, f'S.Emilie de Vialar twaqqaf il-Kongregazzjoni tas-sorijiet taħt il-patroċinju ta' San Ġużepp, b'qima lejn il-misteru tat-twelid ta' Kristu, rivelat f'ħolma, lill-qaddis raġel tal-Madonna.

- Fis-sena 1890, fil-katidral ta' Pariġi, l-poeta u drammaturgu Franċiż Paul Claudel jerġa' jikseb it-twemmin ta' tfulitu, waqt li fil-quddiesa ta' nofs il-lejl, fil-Milied, kien qiegħed ikanta l-"et incarnatus est" tal-Kredu. Wara li tqarben, il-kbir poeta ħareġ b'din il-karba: "Dieu est 'l Enfance eternelle" – "Alla huwa t-tfulija bla tmiem".

- Għall-ewwel darba fl-istorja, d-dinja kollha setgħet tara, minn fuq it-televiżjoni, fil-lejl tal-Milied 1974, dak il-ħin stess li kienet qegħda ssir f'Ruma ċ-ċeremonja, l-ftuħ solenni tal-"Porta Santa" fid-daħla l-leminija tal-Bażilika Vatikana, minn idejn il-Papa Pawlu VI.

# *L-Ewwel u l-Aħħar Milied tal-Papa Ġwanni XXII*

Meta fl-1958 kienet inxterdet l-aħbar li Anġelo Roncalli, Patrjarka ta' Venezja kien inħatar Papa, ħafna stagħġbu għax kien mdaħħal sew fiż-żmien. Tajjeb li wieħed jirrakonta kif kien qatta' l-ewwel Milied u l-aħħar Milied fil-Vatikan.

L-ewwel Milied ta' dik is-sena (1958) kien wasal ukoll fil-Vatikan, bejn dawk il-ħitan għolja li jduru ma' dik il-post. Il-Papa Ġwanni kellu xewqa kbira li festa bħal dik ma jgħaddihiex waħdu u jibqa' hemm: bħalma kien għamel dejjem, kien fejn kien, kien jagħmilha ma' ħaddieħor.



Dik id-darba ried joħroġ mill-Vatikan u jgħaddiha mal-foqra u mal-morda. Staqsa lil dawk ta' madwaru fejn l-aħjar imur, iżda malajr ġietu l-idea fejn igħaddiha. Qal, il-festa tal-Milied hija festa ta' Ġesu' għadu jitwieled, mela ma hemmx post aħjar fejn ngħaddiha jekk mhux mat-tfal, u fuq kollox ma'dawk morda. U hekk għamel.

Jirrakkuntaw, li meta d-direttur tal-Isptar ta' Ġesu' Bambin, fejn kellu jmur, irċieva t-telefonata li l-Papa kellu jmur hemm, l-anqas ried jemmen. U l-anqas kellu żmien biżżejjed biex javża u jhejji lill-impjegati meta l-Papa diġa kien hemm, b'wiċċ daħqani u ferrieħi.

Meta, imlibbes l-abjad, resaq lejn is-sodod ċkejknin, beda jinstema' ċertu tpespis bejniethom qisu ta' xi ħafna għasafar, jgħajtu mbagħad flimkien b'kemm saħħa kellhom biex imur ħdejhom.

"Papa, ejja ħdejja."
"Papa Ġwanni, ejja ħa narak."
"Ukoll jien jisimni Ġwanni." "Ejja ħa tarani għax marid ħafna"

Isktu, qalilhom, iżda ma setax jaħbi t-tbissima tiegħu, minkejja li beda jagħmilha ta' wieħed serju. Ħudu paċenzja, bil-mod il-mod niġi ħdejkom ilkoll.

Wieħed minnhom, Klawdju Ġemma, qallu, iħares fil-vojt. Jien naf li int il-Papa Ġwanni, iżda ma nistax narak. Jien agħma, ma nara xejn. Ejja ħudli jdejja.

Papa Ġwanni, qabadlu jdejh, żammilu ħafna ma dik tiegħu. Imbagħad qallu: Għażiż, ilkoll aħna għomja.... u ħafna drabi.

L-ewwel Milied tal-Papa Ġwanni għaddieh mal-morda, ġo sptar tat-tfal. Kienet mossa ta' Papa twajjeb.

**L-Aħħar Milied tal-Papa Ġwanni XXIII --- dak ta' 1962**
Kien l-aħħar wieħed ta' Ġwanni XXIII. Fih fittex li jserraħ qalb ta' dawk li kien iħobb, lid-dinja kollha kemm hi: iżda aktarx kien diġa fehem li ftit kien baqgħalu ħajja. Iżda ma ried jallarma lil ħadd.

Meta bdew jinxterdu xi aħbarijiet ta' dik ix-xorta mseħbin mid-dispjaċir li beda jħoss il-Kardinal Leger, hu wieġeb li "l-Papa Ġwanni ma riedx ikun ibbalzmat ħaj." Ma kienx se jidħol fis-sodda, ma kienx se jieqaf jiltaqa' mat-tfal, mal-foqra, ma' dawk kollha li jfittxuh. Hu "qaddej tal-qaddejja" biex jagħti l-ħajja, biex jikkonservaha.

F'dak il-Milied qalbu reġgħet ħaditu għand it-tfal morda li magħhom kien għadda l-Milied tas-sena 1958. Wiċċu kien mħeddel, in-nifs maqtugħ, qalbu trasparenti bħax-xama'. Iżda ma naqasx minn dak l-appuntament li kellu li jmur jara l-presepju ħaj tal-innoċenza u ta' tbatija. Iċ-ċkejknin, mis-sodod tagħhom qed iħarsu lejh ħosbiena. Ukoll huma kienu semgħu li l-Papa Ġwanni kien marid sewwa. L-imħabba tagħhom kollha kienet fil-kurżita' biex jaraw kienx veru. U l-Papa Ġwanni kien ħass il-bżonn li jiżgura wkoll lilhom, li jerġgħu jkunu trankwilli.

"Bħalma taraw- qalilhom- jien f'saħħti sewwa: mhux biex nagħmel xi tiġrija, iżda nsomma.... It-tobba jirrikkmandawli biex ma nitħabatx ħafna, iżda jien inħossni tajjeb. Kelli xi ftit uġiegħ, iżda bħalma taraw għadni tajjeb f'għajnejja, f'widnejja, fi kliemi: u speċjalment f'qalbi, l-aktar ħaġa prezzjuża.

Le, xejn m'għandi "f'qalbi". Qalb il-Papa hu presepju għat-tama tagħkom u tiegħu, biex nerġgħu lura għall-innoċenza li tlifna, għat-tjieba u għas-sbuħija tal-Milied".

Issa kollox jidher ċar. Jidher ċar ukoll il-fatt li f'aktar minn presepju wieħed dehret ċar ix-xbieha tal-bambin tax-xama' li tfakkarna f'dak "il-fqir li għana d-dinja". Tar-"ragħaj b'qalb ta' tfajjel"; l-istatwa ċkejkna ta' Papa Ġwanni.

# *Il-Presepju tas-Sorijiet tan-Nażżarenu fiż-Żejtun*

Presepju mekkaniku kbir, li ta' kull sena jiġbed numru ta' nies lejh hu bla dubju ta' xejn dak tas-Sorijiet tan-Nażżarenu fiż-Żejtun.



Għandi ħolma!" qal il-Monsinjur Emmanuel Galea lil neputih Pawlu Pavia. Kien l-1945, meta Malta kienet għadha kif għaddiet miż-żmien qalil tal-gwerra. L-isqof kien mar joqgħod iż-Żejtun minħabba l-attakki kontinwi fuq l-Isla u matul dak iż-żmien huwa kien laħaq bħala direttur tal-Istitut tas-Sorijiet ta' Ġesù Nażżarenu. Hemmhekk sab presepju b'pasturi li kienu jagħmlu movimenti żgħar permezz ta' spaga li t-tfal tal-istitut stess kienu jiġbdu minn taħt il-mejda. Kien presepju ħelu imma l-isqof kien jitħasseb meta jara lit-tfal qed jagħmlu dak ix-xogħol.

Il-bidu tal-presepju jaf is-sena 1947, jiġifieri għandu madwar 70 sena. Il-presepju sar bil-ħidma għalenija ta' l-Isqof Emanuel Galea u biex inbena, l-Isqof kien megħjun minn Pawlu Pavia.

Meta l-Presepju kien inawgurat kienu preżenti Dun Ġużepp Desira u xi benefatturi, fosthom il-familja Farrugia miż-Żejtun li kienet tgħin fix-xogħol. Fil-ħsieb għat-twaqqif tal-presepju kien hemm ukoll il-Madre Ġenerali ta' dak iż-żmien, Tereża Degabriele, llum mejta.

Il-presepju tas-Sorijiet taż-Żejtun ma jirrappreżentax biss it-twelid ta' Ġesu', iżda wkoll il-ħames misteri tal-Ferħ. Naturalment, flok il-ħames misteru, fejn il-Madonna tilfet lil binha Ġesu', hemm il-ħarba lejn l-Eġittu, li hi aktar konnesssa mal-Milied.

Uħud mill-pasturi huma tal-ġibs waqt li oħrajn huma tal-injam. Kollha għandhom ilbies tad-drapp, li sar mis-Sorijiet. Kultant, meta jkun hemm il-bżonn, l-ilbies jinbidel ma'ieħor ġdid. Ta' min isemmi wkoll li l-pasturi nhux kollha huma mekkaniċi, iżda dawk li jiċċaqilqu jagħmlu dan b'intervalli u x'ħin imisshom. Ix-xogħol mekkaniku nħadem minn Pawlu Pavia, li sa żmien ilu kien jieħu ħsieb il-manutenzjoni tiegħu.

Fl-ewwel misteru naraw lill-Anġlu jħabbar lil Marija, li tgħolli rasha biex tisma'. Fit-tieni naraw iż-żjara għand Sant Eliżabetta u jsellmu 'l xulxin b'bewsa. Fit-Tielet misteru hemm il-Madonna tgħolli lil binha Ġesu' u l-Maġi jbaxxu rashom. Imbagħad naraw il-preżentazzjoni fit-Tempju u fl-aħħar naraw il-ħarba bil-ħmara lejn l-Eġittu.



Il-presepju ma jiżżarmax kollu wara l-festi, iżda x-xogħol għalih kull sena jibda jsir minn tliet xhur qabel. Tajjeb li wieħed imur iżuru.

---

# *Ikel Tradizzjonali tal-Milied*

Tagħrif **ġenerali** minn fuq l-Internet

Dejjem nisimgħu fuq kemm kilna u xrobna f'dawn il-ġranet tal-Milied. Tajjeb li nduru naqra madwar id-dinja u naraw x'tipi ta' ikel jittiekel f'dawn il-pajjizi għal matul il-jiem tal-Milied.

l-aktar ikla popolari għal żmien il-Milied hu d-dundjan il-forn. Filwaqt li dan id-dixx jissajjar f'bosta pajjiżi madwar id-dinja, dan jaf il-bidu tiegħu fl-Amerika. Kien meqjus bħala tajra selvaġġa u tgħix fil-konfini bejn l-Amerika u l-Messiku. Biż-żmien dan l-ispeċi ħa post il-wiżż, li kien dixx popolari ħafna fl-Amerika. Id-dundjan jissajjar fil-forn u bħal tjur oħrajn id-dundjan kien u għadu jimtela b'bosta ikel ieħor bħal ħobż, ħwawar, ċanga mqatta', qastan, qara bagħli eċċ. Kien fl-1523 meta din it-tajra waslet fl-Ewropa, proprju fi Spanja minn xi vjaġġaturi. Minn hemm imbagħad dan id-dixx speċjali tal-Milied inxtered ma' bosta pajjiżi oħrajn Ewropej u l-ikla tad-dundjan hi sinonima mal-ikliet tal-Milied.

Hemm pajjiżi fejn iżommu t-tradizzjonijiet tagħhom. Kull pajjiż għandu l-ikla favorita speċjalment għal dawn il-jiem festivi. Ħu mill-Portugal. Dan il-pajjiż hu magħruf ħafna fejn jidħlu platti varji speċjalment fejn jissajjar il-bakkaljaw. Ma nafx kemm hija veru, pero' jingħad li għandhom 365 riċetta – waħda kuljum għal matul is-sena. Però dik ta' Leljet il-Milied hija unika u tissajjar biss f'dak il-jum.

L-Iżvezja għandhom is-Smorgasbord li tikkonsisti f'ikla buffet b'varjeta kbira



ta' ikel.

Imbagħad xi nigħdu għall- Franċiżi. Hawn fi Franza nsibu varjazzjoni ta' ikliet għal żmien il-Milied, jiddependi mir-reġjun. L-aktar popolari hi dik fir-reġjun Ile de France qrib Pariġi, li tikkonsisti fi platti rikki ta' frott tal-baħar.

Spanja wkoll għandha t-tradizzjonijiet tagħha għall-ikla ta' lejlet il-Milied. Le mhux xi laħam tal-barri jew ta' xi madator. Dawn wara l-quddies ta' filgħaxija (mhux bħal tagħna f'nofs il-lejl) jiċċelebraw 'l hekk magħruf bħala La Noche Buena. Ikla abbondanti b'ikel varjat bejn il-familji miġburin flimkien. Din l-użanza ssir f'pajjiżi oħrajn fosthom Kuba, l-Filippini u l-Amerika Latina, pajjiżi fejn l-influwenza Spanjola ħalliet marka fuq il-poplu ta' dak il-kontinent.



Il-gallettini u kejkijiet żgħar huma sinonimi għal żmien il-Milied, speċjalment fl-Ewropa minn fejn oriġinaw. Bdiewa Neolitiċi, eluf ta' snin ilu, kienu jagħmlu speċi ta' gallettini, billi jaħmu l-qamħ. Però kien fiż-żmien il-medjuevu li dawn il-prodotti ħadu spinta. Kienu l-Olandiżi minn tal-ewwel u fil-fatt il-kelma cookies ġejja mill-kelma Olandiza Koekje – kejk żgħir. Fil-bidu tas-16 -il seklu saru popolari u kont issibhom ma' kullimkien b'diversi riċetti, għamliet, forom u qisien. Dawn il-gallettini ċatti kienu jintużaw mit-tfal billi jpoġġu ammont żgħir fuq it-tieqa għall- Father Christmas biex jiekolhom waqt il-vjaġġi tiegħu matul il-lejl. Ma' dawn kienu jħallu wkoll xi ftit ħalib għaċ-ċriev. Kull minn kien iħalli dawn l-affarijiet fit-twieqi kellu skop wieħed, dak biex "jirrikatta" lill- Father Christmas biex iħallilhom il-ġugarelli u dawk bil-għaqal kienu juru l-apprezzament tagħhom għar-rigali li kien iħallilhom.

Insibu wkoll il-famuż gingerbread li dawn ukoll huma ta' kull għamla u daqs u li tfaċċaw fiċ-ċentru tal-Ewropa fil-Medjuevu. Però kien fid-19 -il seklu li dan il-prodott ġie assoċjat bħala ħelu għal żmien il-Milied. Fil-bidu kienu

l-patrijiet li kienu jipproduċuhom, iżda fis-17 -il seklu tħajru d-dolċiera, fejn speċjalizzaw aktar fihom. L-aktar li speċjalizzaw fihom kienu l-Ġermaniżi fil-belt ta' Nuremberg. Issibhom is-sena kollha, iżda d-domanda fenomenali għalihom issir fi żmien il-Milied. Il-forom u daqs ivarjaw, però l-aktar popolari hu l-Gingerbread Man.

Din il-gallettina tkun dekorata b'diversi modi iżda barra l-wiċċ ikollha wkoll is-sidrija bil-buttuni u ċ-ċoff. Takkumpanjah hemm il-figura ta' Mara bl-istess dehriet u bil-fardal. Insibu wkoll mudelli ta' djar tal-ġinġer u ħelu ieħor bħala dekorazzjoni. Popolari ħafna mbagħad hemm dawk il-Lebkuchen li għadhom għamla ta' qalb b'messaġġ fuqha.

Ħelu li wkoll issibu mxerred f'bosta pajjiżi hu l-kejk tal-Milied, il-Pudina tal-Milied u l-gallettini tal-ġinġer. Apparti t-tip ta' xorb li wieħed jikkonsma kuljum matul is-sena, huwa l-inbid sħun (mulled wine) li jikkomplimenta ħafna għal dan iż-żmien ta' kesħa

L-Awstrija għandhom il-Keskes, iċ-Ċekoslovakkja l-Vanocni Cukrovi u r-Russi l-cookies oriġinali fl-għamla u t-Tea Cakes u fil-Polonja, l-Irlanda u l-Awstralja nsibu s-Soda Bread. Dawn kollha huma speċi ta' gallettini.



Min isiefer f'pajjiżi kesħin jinnota bejjiegħa fit-toroq ibigħu l-qastan inkaljat fejn il-forn ikun forma ta' ferrovija. Mhux ta' b'xejn insibu id-diska tal-Milied tibda bil-kliem "*Chestnuts roasted on an open fire…*" Il-qastan ukoll hu prodott għal dan iż-żmien u jisserva wkoll waqt l-ikla tal-Milied u anke mdaħħal f'ċerti riċetti. Kienet l-għaxqa tiegħi, meta kont inkun barra, f'dawn il-ġranet hekk kesħin, miexi għal għonq it-triq u nara dak in-nofs tank li fuqu jixwu l-qastan u taħt il-patata ġot-*tin foil* (jacket potato). Kont nieqaf u niekol.

Fl-Amerika nsibu l-candy stick li oriġina f'Indiana fl-1900 u kien proprju minn dakinhar li l-istick bdiet tingħata l-forma mgħawwġa min-naħa waħda u fi tliet kuluri: l-abjad, l-aħmar u l-aħdar. Jingħad li dan il-ħelu jissimbolizza l-bastun ta' ragħaj u għaldaqstant attribwit lil Ġesù bħala r-ragħaj tagħna. Dan il-ħelu jingħata lit-tfal żgħar biex joqogħdu kwieti waqt il-funzjonijiet tal-Milied fil-knejjes. Ma' dawn ukoll insibu Lollipops b'forom sinonimi mal-Milied.

# *Il-Presepju fit-Teatru!*

Sena wara sena, konna drajna ntellgħu l-wirja tal-presepji fis-Sala San Franġisk, iżda kif jiġri dejjem, la l-post ma jkunx tiegħek, dejjem ikollok qalbek ittaqtaq jekk is-sena ta' wara terġax tittela' fl-istess post. Dan il-mument wasal fis-sena 2017, meta għal ħafna raġunijiet kellna kontra qalbna niċċaqalqu w infittxu post alternattiv. Alla għalaq bieb u fetaħ ieħor. Alla pprovda taħt it-teatru l-imwaqqa', hekk kif tidħol il-Belt. Post ċentrali. Hawn taħt għandkom indikazzjoni fejn jinsab.

Ġo dan it-teatru saru ħafna opri liriċi u min jaf kemm ħadmu atturi magħrufa. Issa jmiss li jidħol l-akbar attur tad-dinja. It-Tarbija ta' Betlem sabet kenn f'post imwaqqa', f'post li għal ħafna żmien kien abbandunat. Issa din is-sena ser ikun hemm ħafna presepji ta' kull daqs u għamla, biex ipaxxu lil kull min ġej jara l-wirja. Flok kant tal-opri ser ikun hemm kant tal-anġli, kant tal-Milied.

Nistiednukom biex ma titilfux din l-okkażżjoni u ġibu l-ħbiebkom kif ukoll lit-tfal tagħkom. Ejjew u ħudu gost.

**DIN IS-SENA L-WIRJA ANNWALI TA' PRESEPJI**
**QED ISSIR FI PJAZZA TEATRU RJAL**
**(maġenb il-bini tal-Parlament)**

**Nistennewk tiġi żżurna flimkien mal-familja tiegħek u għid lil ħbiebek u familjari tiegħek jagħmlu l-istess.**




**Il-Wirja ta' din is-sena ser issir hawn immarkat, jiġifieri taħt it-Teatru l-Imwaqqa**






